# L-EZAMI FINALI

L-istudenti angli damu zmien twil jattendu l-lezzjonijiet moghtija minn Barakjiel. Dan l-anglu gharef ghallimhom fuq dak kollu li setghu jhabbtu wicchom mieghu meta jkunu kustodji tal-bnedmin.

“Kif tafu,” qalilhom Barakjiel, “ghalaqna sentejn niltaqghu kuljum  ghall-lezzjonijiet biex nitharrgu sew halli intom taqdu l-missjoni taghkom ta’ angli kustodji. L-Altissmu,” u hawn Barakjiel miel minn qaddu ‘l isfel bhala sinjal ta’ rispett u qima lejn isem Alla filwaqt li l-angli studenti qamu bilwieqfa, u b’ras baxxuta sellmulu bil-kliem Tifhir u Unur u Glorja ghal dejjem ta’ dejjem. Barakjiel, imbaghad kompla: “ Issa jonqos li dak li tghallimtu turuni li fhimtuh u tafuh sew. Ghax li tkun anglu kustudju ta’ bniedem ma hiex xi cajta u anqas haga hafifa. Issa nieqfu ghal gimgha mistrieh u bhal lum gimgha niltaqghu f’din l-Akkamedja ta’ l-Angli ghal ezami.”

Mewga ta’ ilhna griet mal-klassi kollha. Barakjiel fehem li l-istudenti kienu qed jibzghu mill-ezami, imma hu ghamillhom kuragg u qalilhom: “ Jiena ghandi fiducja kbira li ilkoll ser tghadu minn dan l-ezami ghaliex waqt il-lezzjonijiet kollha kontu attenti u tixtarru sew dak li kont qed nghallimhom. Dan ikkonkludejtu mill-mistoqsijiet li intom ghamiltu u mit-twegibiet

li smajt minn fommkom meta staqsejtkom. Intom ma tridu iggibu xejn maghkom. Niltaqghu nhar it-Tnejn jekk Alla jrid."

Kull anglu ferfer gwenhajh u tar lejn is-smewwiet.

Meta wasal it-Tnejn kull student kien f'postu fuq il-bank, bil-karti fuqhiex jikteb it-twegibiet tieghu, u bi flixkun zghir tal-inka u rixa biex biha ihazzez ir-risposti.

Fuq il-mejda ta' Barakjiel kien hemm l-arlogg imsejjah tar-ramel. Meta ir-ramel fil-parti ta' fuq jinzel kollu fil-parti ta' isfel kien ifisser li ghadda il-hin u l-angli studenti kellhom jaghtu l-karta tar-risposti taghhom lil angli anzjani li kienu jduru maghhom.





Diversi angli anzjani dahlu jittajru fis-sala  bl-iskrolli tal-mistoqsijiet f'idejhom u jqassmuhom lil istudenti.

Malli Barakjiel qaleb l-arlogg tar-ramel ta' taht fuq, l-istudenti bdew jiktbu u jiktbu t-twegibiet.

Silenzju kbir kien jirrenja fis-sala ta' l-ezami. Ebda student ma kien ihares lejn dak li kien jikteb ta' hdejh ghaliex kulhadd ried jghaddi mill-ezami bil-hila tieghu.

Il-hin ghadda u Barakjiel innota li r-ramel ghaddha kollu ghall-parti ta' taht. Ghalhekk b'sinjal ta' id l-leminija wera' lil anglu anzjan biex juri li spicca l-hin ta' l-ezami. L-anglu anzjan qabad tromba tad-deheb u daqqha biex juri li kulhadd ghandu jieqaf mill-kitba.

"Ghadni ma spiccajtx nikteb". "Fadalli xi ftit iehor x'nikteb." Kienu l-kliem li gera fis-sala. Hawn intervjena Barakjiel. " Tinkwetawx ghaliex l-Altissmu, ser ikun hu li jikkoreggihom u jara xi ktibu u dak li ma lhaqtux ktibtu huwa xorta jaghtikom il-

marki tieghu ghax Alla jaf kollox, sa li icken hsieb u xewqa ta' kulhadd."

"Ghada niltaqghu ilkoll fis-sala tat-Tribunal fejn Alla jaghmel il-haqq mill-bnedmin li jkunu mietu u hemm jinghatalkom ir-rizultat."

L-ghada filghodu l-istudenti dahlu fis-sala tat-Tribunal. Kienet imzejna differenti mis-soltu. Fejn is-soltu kien ikun hemm is-siggu tal-gudizzju fin-nofs riservat ghal Alla, siggijiet ohra f'livell baxx ghad-difensuri ta' l-erwieh fuq naha, ghall-Madonna, u l-anglu kustodju bil-mizien f'idu u fuq ohra siggijiet ghax-xitan biex juri lil Alla li dik ir-ruh kien jisthoqqilha t-telfien, illum kien hemm tron tad-deheb imzejjen bid-djamanti u hagar prezzjuz merfugh biss ghal Alla. Imma billi Alla kien dejjem igorr mieghu l-Madonna, allura ordna li jithejjilha ukoll tron biex tattendi l-gradwazzjoni ta' l-angli studenti ghal angli kustodji.

Il-mistednin l-ohra kellhom postijiet ohra fis-sala.

Mad-daqq tat-trombi, Alla dahal kollu maesta' mal-Madonna u sabu posthom fuq it-tron imhejji ghalihom. Minghajr dewmin Alla beda' biex fahhar l-ghaqal ta' Barakjiel dwar il-hila li kellu biex jghallem dawk l-angli studenti u wara ghaddha biex ferah lil angli kollha li ghaddew mill-ezami.

Qalilhom: "Minn issa l-quddiem ma ghadkomx angli studenti, imma sirtu angli anzjani. Issa hallejt f'idejn ibni Gesu' Kristu biex jghidilkom kelmtejn huwa wkoll."

Hawn Gesu’ qam bilwieqfa u ndirizza lil angli anzjani godda: “ Gheziez qaddej taghna t-Trinita’ jiena wkoll nifirhilkom u nghidilkom biex dak li tghallimtu tipprattikawh mal-bnedmin. Issa Ommi ser tqassmilkom il-parcmini li juri l-kwalita’ ta’ xoghol li ser taghmlu u ma’ min ser taghmluh. U nawguralkom li tressqu aktar bnedmin lejn Alla.”

Malli temm id-diskors tieghu l-angli tal-kor kantaw l-Alleluia u mbaghad Marija Ssma qassmet il-parcmini.

Meta Chaz u Sim, iz-zewg anglu hbieb, iltaqghu wara c-ceremonja ipparagunaw ix-xoghol taghhom. Chaz intbaghat fil-missjoni bhala anglu kustodju ta’ Patri Karm biex jisostitwixxi lil anglu kustodju li kellu l-missjunarju, billi Alla riedu quddiemu jistrieh ghal ftit zmien mix-xoghol fejjiedi li kien qed jaghmel mal-Patri missjunarju gewwa l-Kenja.

”Il-parcmina tieghi tghid li x-xoghol tieghi huwa ma’ John, suldat. Jiena wkoll ser nibdel l-anglu kustodju tieghu ghax Alla sejjahlu biex jaghti nkarigu iehor, dak li  jhares belt flimkien ma’ angli ohra ghax anke l-ibliet ghandhom l-angli kustodji taghhom biex iharsuhom minn kull periklu,” informah Sim.

Ferhu lil xulxin u telqu minghajr tnikkir biex jibdew ix-xoghol gdid taghhom.